# L-Istatwa ta' San Nikola Patrun tas-Siġġiewi



Kitba ta' Lorenzo Zahra

Jidher li minn kitba ta' rikors li kien għamel Dun Nikol Zarba mis-Siġġiewi, li l-vara sabiħa tal-Patrun tas-Siġġiewi San Nikola Tawmaturgu u Isqof saret bl-inizjattiva ta' dan il-ħabrieki qassis qrib is-sena 1739.

Dan il-għaliex, kien proprju dan il-qassis li ħareġ l-ispiża kollha tal-vara kif ukoll spejjeż oħra ta' bżonnijiet fil-knisja kif kienet ix-xewqa tal-Isqof wara li dan kien għamel il-Vista Pastorali f'din il-parroċċa.

Jidher li tassew kien saċerdot żelanti li ħa din l-inizzjattiva u ħareġ somma ta' flus minn butu mhux biss għall-vara, iżda wkoll biex sar armarju għall-kotba tal-Punterija u arkivju. B'kollox kien ħareġ 300 skud għall-istatwa ta' San Nikola.



Fis-sena 1739 allura talab lill-Kurja tal-Isqof biex bħala prokuratur tal-Veneranda Lampada, jkun jista' jitħallas tal-flus li ħareġ u li jkun jista' jobbliga lill-prokuraturi oħrajn li jikkontribwixxu għall-ispiża li kien għamel. Kien għamel ukoll spiża għal żewġ bibien tan-Navi li kienu tlestew. Huwa semma li ċerta Grazja Bartolo kienet ħallset l-ispejjeż tal-mastrudaxxa.

Huwa ried awtorità biex il-Fratellanzi jħallsuh 15-il skud fis-sena u semma lil dawk tar-Rużarju u dawk tal-Madonna tad-Dawl. Is-Sodalità tal-Agunija ta' San Ġużepp, tas-Santissimu Sagrament, ta' Santu Rokku u ta' Sant'Antnin ta' Padova wkoll jagħtu s-sehem tagħhom. Dan Dun Nikola Zarba biex jeħles mill-piż tad-dejn ried li anke l-knejjes filjali jagħtu kontribut, għalhekk ried li l-Knisja ta' Santa Margerita u dik tal-Għolja joffru s-sehem tagħhom. Fl-aħħar talab ukoll mingħand il-prokuratur tal-oqbra biex anke dan joffri kontribuzzjoni.

Dan kollu Dun Nikol seta' jagħmlu wkoll bil-permess tal-Kappillan Dun Salvatore Tabone. Il-Kurja laqgħet it-talba tiegħu b'digriet tat-3 ta' Frar 1739.

**Referenza:**

AAM Supp. Vol V (1714-1741) paġna 842